**KUNSILL LOKALI NADUR**
**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur**

**DISA' (9) LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru Ħamsin (51)**

**Tlieta, 20 ta' Settembru, 2022**

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fl-4:00 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**SKUZATA:**

| | |
|---|---|
| Megan Portelli | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

## KUNSILL LOKALI NADUR

### 51.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.

L-Ambaxxatur **taż-Żgħazagħ** ġiet skuzata.

### 51.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti.

Il-Minuti tal-Ħamsin (50) il-laqgħa tatl- 10 ta' Awissu 2022 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti numru 50 ġiet iffirmata.

### 51.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

Is-Sindku ta' l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-kontijiet tal-bank.

Is-Segretarja gabret stima ta' Group 4 għas-servizz tagħhom. Saret mozzjoni peress li hemm responsabilita' tal-flus minn Eucharist Camilleri u ġiet sekondata minn Jean Paul Portelli. Kien hemm qbil li jibda dan is-servizz. Is-Segretarja intalbet biex tara ma' BOV jistgħux jagħmlu night safe gewwa in-Nadur.

Dħul- 1,025 euro Bienvenida u 3,500 euro skema librerija tar-Regjun.

Iridu jidhlu l'quddiem 25% skema tal-Karnival DLG, skema Milied DLG, skema carnival Mejju tal-MGOZ, taċ-Charter Bienvenida u Cashel, skema MGOZ wirja agrarja, Regjun tal-festa u l-bands tas-sajf.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata, u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil unanimu fuq l-iskedi ppreżentati u dawn ġew iffirmati.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

## KUNSILL LOKALI NADUR

51.4. Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Żviluppi mill-Kunsilliera.

- Is-Sindku ta update rigward is-sitwazzjoni tal-Berga tan-Nadur u l-Iskola Primarja. Il-Kunsill ġie mitlub iċ-ċavetta tal-Berġa mill-familja Karkanja u l-Kunsill ġie mitlub ma juzax aktar għax isir mandat minn naħa tagħhom. Il-Kunsill ser jgħati ċavetta lil Karkanja u l-Viċi Sindku innota li l-aħjar jiġu avzati d-dipartiment tas-saħħa rigward dan kollu. Sadanitant qed naraw fuq dawl fil-Pjazza għal l-attivitajiet. Rigward l-Iskola waqt site visit il-Kunsill sar jaf li ser jieħdu parti mill-librerija fejn qabel kien uffiċju tal-Kunsill għal passaġġ ta' l-iskola. Il-Kunsill bgħat ittra lid-dipartiment konċernat izda għadna bla twegiba. Dan il-ħin ġie diskuss li għalissa nuzaw l-garages li hemm mikrija u anke naraw x'jista jsir u jitpoġġa fil-propjeta devoluta tal-Kunsill tal-Ħali.

LESTI:-

- Inzebħu s-Sinjali tat-traffiku taċ-Ċentru.
- Tranga madum ta' bankina fi Triq Dun Guzepp Vella.
- Trangat tappiera tal-ħadid fi Triq ta' Said.
- Sement biex jilqa' fo;-Wied ta' Daħlet Qorrot.
- Jitranga passaġġ fi Triq ta' Zrajk fi ftit sement.
- Ftit sement ma' ħadida fi Triq il-Knisja.
- Inbnew zewġ ħitan tas-sejjieħ zgħar.
- Ftit kantuni għal fuq ċint fi Triq ir-Ramla.
- Zbir ta' palm fl-area tal-Ħali u soft area ta' Triq ir-Ramla.
- Jinbnew zewġ ħitan tas-sejjieħ fi Triq ir-Ramla l-Qadima.
- Tabelli biex jaqsmu t-tfal ħdejn il-Grawd tal-Futbol.
- Tabella kbira taz-zibel fi Triq San Gakbu.
- Yellow line faċċata garage fi Triq Telegraph.
- Zbir ta' Ħarruba fi Triq Daħlet Qorrot.
- Titranga trinka fi Triq ir-Ramla.
- Tindif ta' gandott fil-Belvedere tad-Duru.
- Tabella ġdida fi Triq San Gwann.

Pendenti:-

- Sement f'passaġġ fi Triq GĦajn Qasab.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

- Rampa biex titranga f'Wied ta' Grejgel imma irridu naraw kif nistgħu ndaħħlu l-makkinarju.
- Jitranga ħajt qabel ix-xitwa taht it-Triq Ta' Xurdin.
- Konkos f' Wied il-Buskett – nistennew minn kuntrattur.
- Jitranga ċaċċis tat-Torri ta' Sopu.
- Zewġ gates tal-ħadid għal tal-Ħali.
- Yellow lines fi Triq Wied Riħan u Triq Grunju.
- Zbir fil-playing field ta' Xandriku.
- Jitranga parti minn TRIQ FIR Triq it-Telegraph.
- Jitranga rail fi Triq il-Knisja ma' bankina.

MHUX LESTI MINN TERZI:

- Give Way fi Triq Ħanaq – Il-Kunsill applika ma' TM.
- Slow signs fi Triq ir-Ramla l' fuq minn l-Almar – Il-Kunsill applika ma' TM.
- Ħitan ta' Xhajma – Dan għadu ma sar xejn fuqhom.
- Talba biex titranga it-tappiera fi Triq ta' Said għax tħabbat –Din lesta.
- Pannelli fi Sqaq San Gakbu – kwazi lesti minn Mario Muscat.
- Jitranga sqaq tad- Duru – Qed nistennew minn il-Perit.
- Aktar parking Triq Dicembru 13. Il-Kunsill ser jaghmel kuntatt ma' TM.
- Yellow lines fi Triq San Koronatu. Il-Kunsill ser jagħmel kuntatt ma TM.

51.5 Korrispondenza;

Korrispondenza;

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## KUNSILL LOKALI NADUR

| | |
|---|---|
| 6302 | Cir AKL 2022/091 Tindif ta' Culverts |
| 6303 | Cir AKL 2022/090 Infrastructure Malta - Plan for Interventions on Rural roads. |
| 6304 | Cir AKL 2022/089 European Local Democracy Week 22/23 t' Ottubru 2022 |
| 6305 | Cir AKL 2022/088 - Parteċipazzjoni fil-programm illum ma' Steph għas-sena 2022 / 2023 |
| 6306 | Cir AKL 2022/087 Progett - 30 Anniversarju Gvern Lokali |
| 6307 | Ċirkolari UPM 14/2022 - Il-Mewt Tal-Maestà Tagħha r-Reġina Eliżabetta II – Jum ta' Luttu |
| 6308 | Cir AKL 2022/079 DOI - Press Release (PR221060) |
| 6309 | Cir AKL 2022/086 Sessjoni Informattiva - Direttorat għal Żvilupp Sostenibbli |
| 6310 | Cir AKL 2022/083 Taħriġ Finanzjarju għall-Membri Eletti, Segretarji Eżekuttivi u Ħaddiema |
| 6311 | Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali -SPI/SCI/6/2022 |
| 6312 | Ċirkolari UPM 12/2022 - Użu effiċjenti tal-enerġija |
| 6313 | Cir AKL 2022/082 Sigurta' ħdejn l-iskejjel |
| 6314 | Cir AKL 2022/084 Masters fil-Governanza u Immaniġjar (MQF 7) |
| 6315 | Cir AKL 2022/076 Launch of EUROPEANMOBILITYWEEK 2022 - Competitions |
| 6316 | Cir AKL 2022/080 SEM - Invitation to local government representatives |
| 6317 | Cir AKL 2022/077 Festi/ inizjattivi organizzati mill-Kunsilli Lokali/ Reġjonali |
| 6318 | ĊIRKULARI NUMRU SPI/SCI/8/2022 - Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2022 - ESTENSJONI TA' ŻMIEN |
| 6319 | Cir AKL 2022/073 - Kors ta' taħriġ - Evalwazzjoni ta' Sejħiet Pubbliċi 17/09/2022 |
| 6320 | Cir AKL 2022/078 Attivitajiet organizzati mill-AKL bejn Settembru u Diċembru 2022 |

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

# KUNSILL LOKALI NADUR

*Rimarki oħra:-*

Infrastructure Malta- Rural Roads- Kien hemm qbil li jiġu applikati dawk it-toroq rurali:- Daħlet Qorrot għal-Wied ta' Grejgel, It-Trieq li twassal għal Ghar Mixta, Ta' Xurdin-Ramla Road u Għassa tal-Maħrag.

LESA -It-Tielet sejħa- Il-Kunsill ser japplika fuq l-istess progett il-latrina ta' Daħlet Qorrot.

Storm water gutter fi Triq Ħida- Il-Kunsill bgħat ittra bl-avukat fuq din.

Proposta mingħand Stanley Portelli- Recital- Kien hemm qbil li jkun hemm kollaborazzjoni bl-ammont ta' 350euro u isir fis-sala tal-Kunsill l-attivita'.

Talba għal kollaborazzjoni għal attivita' ma ta' l-armar ta' Triq il-Knisja. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikkolabora bl-ammont ta' 500 euro.

Ittra mingħand Brass Tubes rigward Milied Ripertorju- Il-Kunsill mhux ser juza dan is-servizz għal dan il-Milied izda ser izomm id-detalji għal attivitajiet oħra.

Vintage Motors Festival – Kien hemm qbil li din is-show tal-Karozzi isir fit- 23 ta' Ottubru.

Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri ta update tal-laqgħa tar-Regjun peress li s-Sindku ma setax jattendi.

Kien hemm qbil biex takkumula 112 siegħa vacation leave is-Segretarju Ezekuttiv minn 2022 għall-2023 skont Artiklu 3.1.5 ta -PSMC.

Talba għal reklam fuq il-kalendarju ta' l-Armar Triq San Gwann. Kien hemm qbil.

Tabelli fi Triq Diċembru 13 ħdejn il-Kazin tal-futbol. Għalissa mhux ser isiru tabelli peress li jistgħu jintlaqtu.

## 51.6. Skemi u Offerti Pubbliċi;

**Skema Għall-żvillup u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex maħruġa minn naħa tad-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy-** Il-playing field lesta u irċivejna l-kont li ser jitħallas u wara nibdew il-proċċess tal-claim.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**KUNSILL LOKALI NADUR**

**Skema Reġjonali –Ambjent 2021-** Ix-xogħol ser isir f'Ottubru.

**Skema Reġjonali –Kultura Għawdex 2021**. Il-Kunsill ser jibda l-claim għal l-Imnarja 2022.

**Skema Għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021 maħruġa minn naħa tad-Direttorat għall-Gvern –** Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri ta update fuq il-Kunċert tal-Milied 2022.

**Skema LESA-** Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġgħa japplika l-istess progett tal-Latrina ta' San Blas fuq it-tielet sejħa peress li issa inħarget it-tielet sejħa.

**Skema Reġjun – Parks u Ġonna u Spazji Pubbliċi**- Il-Kunsill għamel DNO lil Planning Authority.

**Skema Playing Fields 2022**- Il-Kunsill applika għal playing field ta' San Blas.

**Skema Kulturali 2022-** Il-Viċi Sindku ta update fuq il-kunċert tal-Milied.

**Skema Finanzjament Milied**- Saret Applikazzjoni.

**Skema Finaanzjament Proġetti Kapitali u Komunitajiet Isbaħ u aktar b'saħħithom Cirkulari no. SPI/SCI/09/2022—**Il-Kunsill qed jistenna minn naħa tal-Perit.

**51.7 Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Soċjali;**

**51.7.1. Innu tan-Nadur**- irid isir meeting.

**51.7.2. Fondazzjoni Karnival-** Il-logo intgħazel u ser isir meeting ma' l-Arkivji.

**51.7.3. Jum il-Kunsill**- Is-Sindku ta update fuq l-programm u kien hemm qbil fuqu.

Is-Sindku għamel suggeriment li l- premju tal-voluntir tal-Kunsill jingħata lil Natalie Cassar, Premju Zgħazugħ tas-sena lil Rachel Portelli u Premju Anzjan tas-Sena lil Ganni Debono. Kien hemm qbil mill-membri kollha fuq dawn il-Premji.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

## KUNSILL LOKALI NADUR

### Gieħ in-Nadur

Kien hemm zewġ nominazzjoniet: dik ta' Onor. Clint Camilleri li ġie nominat minn Corey Cardona u is-Sur Joe Said li ġie nominat minn Dun Salv Pace. Kien hemm diskussjoni fit-tul. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri qal li t-tnejn jixraqilhom il-Gieħ izda peress li hemm l-eta ta' Joe Said jixtieq li tingħata lilu anke minhabba dak kollu li ghamel matul hajtu ghall-isem tan-Nadur. Il-Kunsillier Jean Paul Portelli qal li Onor Clint Camilleri kull meta tlabna l-għajnuna dejjem sibnih u għen lin-Nadur fit-toroq u affarijiet oħra. Il-Kunsillier Joseph Vella qal li Onor Clint Camilleri qed jagħmel isem lin-Nadur u qablu diga haduh ex-ministri ohra. Hu kompla jgħid li kull meta ħabbatna sibniħ u dejjem kien hemm komunikazzjoni u dejjem għen anke kull kif seta. Il-Kunsillier Josef Camilleri qal li Joe Said ħadem ħafna u anke l-fatt li hemm l-eta fin-nofs. Is-Sindku Edward Said qal li d-decizjoni trid issir abbazi taz-zewg nominazzjonijiet u li l-affarijiet setghu ikunu differenti kieku kien hemm aktar nominazzjonijiet. Fid-dawl ta' dan il-fatt, is-Sindku qal li meta jikkunsidra iz-zewg persuni, ghal din id-darba l-ghazla tieghu tmur aktar lejn is-Sur Joe Said.

Is-Sindku staqsa lil Kunsill hux ser issir mozzjoni, u jekk hux ser jittiehed vot sigriet jew le, jew jekk hux se nibqghu fuq dak li kulhadd esprima. Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni.

"Il-Kunsill Lokali tan-Nadur ipprezentat b'zewġ applikazzjonijiet ghal Gieħ in-Nadur 2022, dawk ta' Onor. Clint Camilleri u tas-Sur Joe Said qed nitlob vot għal preferenza tal-Kunsilliera għal wieħed min dawn iz-zewġ nominazzjonijiet."

Is-Sur Joe Said tlieta favur- Josef Camilleri, Eucharist Camilleri u Edward Said

Onor. Clint Camilleri tnejn favur- Joseph Vella u Jean Paul Portelli.

Joe Said ser jieħu l-Gieħ tan-Nadur għas-sena 2022 bi tlett voti favur.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**51.7.4. Halloween 2022**- Is-Sindku ta' l-aħħar updates fuq il-programm ta' tlett ijiem tal-Halloween u kien hemm qbil fuq dan kollu.

**51.7.5. Baveno**- Is-Sindku ta' update dwar is-safra tal-group li ser ikun fl-20-24 ta' Ottubru. Is-Sindku talab biex il-Kunsill iħallas ikla waħda waqt din-safra lil grupp kollu u kif ukoll it-transport ta' Malta. Hu qal li ser titħallas ikla oħra minn naħa tal-Kunsill ta' Baveno u kif ukoll lunch ta' gurnata minnhom. Kien hemm qbil mill-Kunsilliera fuq dan.

**51.7.6. Milied** - Il-Kunsillier Joseph Vella għamel remarka li is-stained glass tal-Milied minn naħa ta' MGOZ ser isir b'San Pietru u San Pawl. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri qal li hu jixtieq kieku karozel imma m'hemmx min jipprovdih. Is-Sindku innota li saret applikazzjoni għal fondi tal-Milied ma' MGOZ.

**51.7.7 Bandiera tal-Kunsill**– Il-Kunsillier Jean Paul Portelli għamel mozzjoni biex il-bandiera tal-Kunsill tinxtara mill-Kunsill biex titpogga fuq il-propjeta taz-zewġ partiti- MLP u PN tan-Nadur biex ikun hemm *unity.*

Il-Kunsillier Joseph Vella issekonda din il-mozzjoni, Il-Viċi Sindu astjenta minħabba li ma jaqbilx peress li dik il-bandiera hija tal-Kunsill u mhux tingħata lil ħaddiehor u il-Kunsilliera Joseph Camilleri u is-Sindku qablu mal-mozzjoni ta' Jean Paul Portelli. Il-Mozzjoni għaddiet.

**51.7.7. Nadur 8k**- Is-Sindku ta' l-aħħar zviluppi.

51.8. Proġetti u Xogħolijiet Oħra.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**51.8.1. Triq ir-Ramla l-Qadima-** Il-Kunsill qed jiġri wara kuntrattur biex jitkompla x-xogħol. L-Addendum ġie iffirmat.

**51.8.2. Belvedere Triq ir-Ramla l-Qadima**- Dan ġie approvat imma l-Kunsill qed jistenna aktar fondi minn naħa tar-Regjun.

**51.8.3. Dawl ta' Triq it-Tramuntana soft area**- Il-Kunsill ser isib Kuntrattur ieħor. Jgħaddi id-dawl.

**51.8.4. Railings ta' Xhajma**- Il-Kunsill għadu bla risposta minn naħa ta' MGOZ.

**51.8.5. Zebgħa bullards fi Triq Arc Saver Cassar u Pjanti**- Dawn għadhom ma sarux.

**51.8.6. Dawl Monument tal-Gwerra**- Dan isir wara li tinfetaħ il-librerija.

**51.8.7. Festun tal-Pjazzetta-** Ser naraw li isir wieħed fiss.

**51.8.8. Gazebo fil-Belvedere DC Cocco Palmeri**- Il-Kunsill ser jara jixtrix waħda.

**51.8.9. Maintenance tad-dawl-** DC Cocco Palmeri, u shelter.

**51.8.10. Bankijiet ġodda fil-Pjazza-** Hemm il-ħsieb li jiġu applikati fuq fondi DPF.

**51.8.11. CCTV** fil-gonna tal-Ħali, Gnien il-Kunsill u ta' Kenuna. Dawn jiġu applikati l quddiem fuq fondi DPF.

**51.8.12. Saru site visits** mal-Perit fil- Pjazzetta, tad-Duru u Xandriku.

**51.9.Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.**

**51.9.1.Rikjesti mis-Sindku:**

Talba għal bollard ma' bankina fi Triq il-Ħanaq. Il-Kunsill ser jara ma' TM.

Talba biex jinbena ħajt tas-sejjieħ fi Triq San Gakbu.

Talba għal 1.5m yellow lines magemb garage fi Triq Madre Gemma Camilleri.

Talba għal bankina fi Triq it-Tigrija.

Talba għal bankina fi Triq Xjuf ir-Riħ.

Talba għal zbir ta' sigar fil Wied ta' Gejgel.

Talba għal bozza fi Triq San Blas.

51.9.2 Rikjesit mingħand Eucharist Camilleri;

Talba biex jitranga ħajt fi Triq Grunju.Il-Kunsill sejjer jara fuqu.

Talba biex jitrangaw twieqi tat-telephone box tal-Pjazza.

Talba għal bozza ġdida fi Triq ta' Xurdin fejn hemm diġa arblu.

Talba biex jitranga il-livell tal-Pjazza quddiem dar ta' Pace. Il-Kunsill ser jara qabel jistax.

Talba biex jitranga l-kliem mal-Monument ta' Bryan peress li ma' għadux jidher.

Talba biex isir il-ħaxix tal-Monument tal-Karnival. Is-Sindku innota li konna ġbarna kwotazzjoni li ġiet wisq u allura mhux ser isir.

Talba biex tinbiddel qasrija mejta fi sqaq tal-Muzew tal-Bniet

Talba għal patching fi Triq Telegraph quddiem dar Zerafa.

51.9.3 Rikjesti mingħand Joseph Vella:

Talba għal double yellow line fi Triq Piju Cellini. Il-Kunsill ha jara ma' TM.

Talba għal rampa/tarag fi sqaq San Blas. Il-Kunsill ser jara fuqha.

Talba għal dog bin fil-Pjazza Baveno.

Talba għal zbir ta' sigra faċċata tal-monument tal-Karnival li qeda ta' periklu.

### 51.9.4. Rikjesti mingħand Jean Paul Portelli:

Talba għal loading and unloading bay oħra fi Triq Dicembru 13 peress li hemm qed tkun bis-siġġijiet u imwejjed. Il-Kunsill ser jara ma' TM tistax isir oħra.

Double yellow line ma Triq Duru 1.5m

### 51.9.5. Rikjesti mingħand Josef Camilleri:

Ma kellux talbiet.

### 51.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa spiċċat fis-6:30pm. Il-Laqgħa li jmiss ser tkun fit-11 ta' Ottubru fl-4:00pm.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva